



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2011/0257(NLE)

6.12.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u r-
Repubblika tal-Ginea Bissaw li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-
kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-
seħħ bejn iż-żewġ Partijiet
(COM(2011)0603 – C7 – 2011/0257(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Isabella Lövin

PA_Leg_Consent

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Ginea Bissaw huwa pajjiżi fost dawk l-anqas żviluppatti, b'madwar żewġ terzi tal-familji jgħixu taħt il-livell tal-faqar. Huwa wkoll pajjiż li qed jiżviluppa, li huwa mdejjen ħafna u dipendenti bil-kbir fuq l-assistenza mid-donaturi, li tipprovdi madwar 31% tad-dħul nazzjonali.

Madankollu, il-Ginea Bissaw għandu rikkezzi kbar f'dak li jirrigwarda r-riżorsi tas-sajd. L-istokkijiet kummerċjali jinkludu speċijiet ta' ħut demersali, ħut pelaġiku żgħir, ħut pelaġiku kbir migratorju u ċefalopodi. Madwar 12 000 sajjied artiġjanali, ħafna minnhom ta' orijini barranija, joperaw fir-reġjuni kostali; bosta aktar jagħmlu sajd ta' sussistenza, u hemm dipendenza kbira fuq is-sajd għall-ikel, minħabba n-nuqqas ta' sorsi alternattivi ta' proteina mill-annimali.

Il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw skada fil-15 ta' Ġunju 2011. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' sena mis-16 ta' Ġunju 2011 u ilu applikat provviżorjament minn dik id-data.

Fi qbil mal-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew jista' jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni ta' dan il-Protokoll jew inkella jirrifjuta li jagħtiha.

il-Protokoll il-ġdid ma jibdilx l-opportunitajiet tas-sajd provduti fil-Protokoll preċedenti, u l-kontribuzzjoni finanzjarja tinżamm ukoll fl-istess livell.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tammonta għal EUR 7 500 000 fuq id-duratura ta' sena ta' dan il-Protokoll. Dan l-ammont jikkorrispondi għal:

- EUR 4 500 000, ammont ekwivalenti għal 37 awtorizzazzjoni ta' bastimenti tas-sajd għat-tonn u tunnellaġġ annwali ta' referenza ta' 8 800 tunnellaġġ gross reġistrat (GRT) għall-bastimenti tas-sajd;
- EUR 2 450 000 fis-sena, ammont li jikkorrispondi għall-pakkett addizzjonali mħallas mill-UE bħala sostenn għall-politika settorjali tas-sajd tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw. kif ukoll
- EUR 500 000, ammont allokati għall-introduzzjoni ta' sistema sanitarja u fitosanitarja għall-prodotti tas-sajd. Madankollu, iż-żewġ Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jallokaw parti minn din il-kontribuzzjoni speċifika għat-tisħiħ tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza fiż-żoni tas-sajd tal-Ginea Bissaw.

L-ammont allokati għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd tal-Ginea Bissaw jirrappreżenta 35% tal-kontribuzzjoni finanzjarja kumplessiva li dwarha jipprovdi l-Protokoll. Il-Ginea Bissaw għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni ta' dan l-ammont, abbażi tal-identifikazzjoni miż-żewġ Partijiet tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu u l-programmazzjoni annwali u multiannwali għall-ilħiq tagħhom, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-ġestjoni tajba tar-riżorsi tas-sajd, it-tisħiħ tar-riċerka xjentifika u tal-kapaċità ta' monitoraġġ tal-awtoritajiet kompetenti tal-Ginea-Bissaw, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni tal-prodotti tas-sajd.

Il-Protokoll jinkludi miżuri maħsuba biex jippromwovu l-integrazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-UE fis-settur tas-sajd tal-Ginea Bissaw, b'mod partikolari permezz ta' proġetti konġunti bejn operaturi tal-UE u oħrajn tal-Ginea Bissaw.

Il-valutazzjoni ex-post tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd jirrikonoxxi li, għall-UE, il-Ftehim kellu proporzjon kost/benefiċċju daqsxejn pożittiva, ta' 2.2 (kost annwali ta' EUR 6.6 miljun għall-Kummissjoni u l-flotta tas-sajd tal-UE, imqabbla ma' benefiċċju annwali ta' EUR 14.5 miljun għall-UE).. Madankollu, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji kumplessivi skont dan il-Ftehim ipprovdew medja annwali ta' madwar 7.3% tal-baġit tal-istat tal-Ginea Bissaw, u l-element ta' appoġġ settorjali kkontribwixxa madwar 88% tal-infiq tas-sajd fil-baġit, u b'hekk ta kontribut importanti għall-istabbiltà tal-pajjiż.

Għad hemm problemi tradizzjonali, bħalma huwa s-sajd illegali, mhux regolat u mhux rappurtat, minħabba monitoraġġ, kontroll u sorveljanza insuffiċjenti. Hemm ukoll tħassib rigward żieda fil-livelli tar-rimi ta' qabdiet ta' speċijiet taħt id-daqs koperti bil-Ftehim u ta' oħrajn mhux kummerċjali, minkejja li d-dejta dwar ir-rimi mhijiex miġbura mill-osservaturi. Barra minn hekk, hemm problemi, li jeħtieġ li jiġu indirizzati, rigward nuqqas ta' rispett tal-kundizzjonijiet tar-rappurtar imposti fuq il-bastimenti tal-UE. Oltri hekk, kummerċ ta' benefiċċju potenzjali mal-UE fil-prodotti tas-sajd qed jinżamm milli jsir minħabba nuqqas ta' konformità mar-regoli sanitarji tal-UE, kif ukoll minħabba nuqqas ta' ħatt l-art u żjajjar limitati tal-bastimenti. Il-Ftehim iffaċilita l-impjieġ abbord bastimenti tal-UE ta' biss 148 membru tal-ekwipaġġ mill-Ginea Bissaw.

Minkejja dawn il-limitazzjonijiet, aċċentwati minn ambjent politiku u finanzjarju instabbli u mid-diffikultajiet strutturali tal-amministrazzjoni tas-sajd, il-valutazzjoni ex-post tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd juri titjib notevoli fuq miri strateġiċi maqbula, bħalma huma tisħiħ tal-kapaċità ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza u tal-ispezzjoni sanitarja, u ttieħdu wkoll passi pożittivi fit-tfassil ta' leġiżlazzjoni ġdida, fl-istatistika u fil-ġestjoni tar-riżorsi. L-appoġġ baġitarju mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar is-Sajd mal-UE kellu rwol importanti f'dan it-titjib. Barra minn hekk, il-Ftehim huwa koerenti mal-approċċi tal-UE rigward l-iżvilupp nazzjonali u reġjonali, għax għandu sinerġiji speċifiċi ma' għadd ta' programmi tal-FEŻ għall-iżvilupp reġjonali. Il-Ftehim ippermetta wkoll li l-UE u l-awtoritajiet tal-Ginea Bissaw iżommu għaddeġ djalogu politiku.

Ir-rapporteur iqis li l-Protokoll jista' jikkontribwixxi għal titjib tal-ġestjoni u tal-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz tal-appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fil-livell nazzjonali mill-Ginea Bissaw.

Ir-rapporteur jilqa' l-fatt li dan il-Protokoll idaħħal dispożizzjonijiet ġodda li permezz tagħhom il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tiġi sospiża f'każ ta' ksur tal-prinċipji rigward id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Il-Protokoll jista' jiġi sospiż ukoll jekk il-Ginea Bissaw tonqos milli taħdem favur sajd responsabbli u sostenibbli.

Bħala konklużjoni, ir-rapporteur huwa tal-fehma li huwa fl-interess taż-żewġ partijiet li jikkonkludu Protokoll ġdid li jtawwal is-sħubija bejn il-Ginea Bissaw u l-UE.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex

jipproponi li l-Parlament japprova l-konklużjoni tal-Protokoll.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha tqis dovutement il-punti li ġejjin waqt l-implimentazzjoni tal-Ftehim:

- (a) it-trasparenza tal-proċeduri għall-identifikazzjoni u r-rappurtar tal-qabdiet totali għandha titjeb, flimkien mal-miżuri għall-prevenzjoni tas-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU), b'mod partikolari permezz ta' titjib fl-infrastruttura għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tar-Repubblika tal-tal-Ginea Bissaw, biex b'hekk ikun żgurat li s-sajd ikun responsabbli u sostenibbli;
- (b) l-aċċess mill-bastimenti tal-UE għar-riżorsi tas-sajd żejda għandu jkun limitat fi qbil mar-
rendiment massimu disponibbli, wara li jkunu nqadew il-bżonnijiet alimentari tal-
popolazzjoni lokali;
- (c) għandha tiġi indirizzata l-problema ta' żieda fl-għadd ta' qabdiet mormija ta' palamit (*katsuwonus pelamis*) żgħir wisq, speċijiet mhux kummerċjali, klieb il-baħar u raj kif ukoll il-qbid kollaterali ta' fkieren, u l-kwantitajiet kbar ħafna ta' qbid inċidentali u mormi fis-sajd għall-gambli għandu jitwaqqaf minnufih, permezz ta' rkaptu selettiv li jipprevjeni l-qbid inċidentali;
- (d) il-Kumitat Konġunt li dwaru jipprovdi l-Protokoll għandu jiżgura li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-integrità tal-mekkaniżmu sħiħ tal-Ftehim f'dak li jirrigwarda problemi ta' korruzzjoni;
- (e) il-Kumitat Konġunt għandu wkoll jagħmel ħiltu biex jippromwovi aktar ħatt l-art fil-Ginea Bissaw u biex itejjeb l-impjieg lokali u attivitajiet ekonomiċi oħra kif ukoll sħubijiet fis-settur tas-sajd;
- (f) jeħtieġ li tissaħħaħ ir-responsabbiltà ta' rendikont tal-gvern lokali, b'mod partikolari biex jiggerantixxi t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja għas-sajjieda lokali, l-iżvilupp ta' sajd u industriji tal-ipproċessar tal-ħut lokali, sostenibbli u artġjanali, f'konformità ma' standards sanitarji u ambjentali;
- (g) kemm l-ispirtu u kemm l-ittra tal-klawsola tal-esklussività għandhom ikunu rrispettati; bastimenti tal-UE li jibdlu l-bandiera biex jaħarbu mill-obbligi tagħhom jew inkella biex jiksbu opportunitajiet addizzjonali tas-sajd m'għandhomx jitħallew jergħu jidħlu fir-reġistru tal-flotta tal-UE;
- (h) rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll – u b'mod partikolari l-linji gwida u l-objettivi annwali provduti fl-Artikolu 9 tiegħu – għandu jitfassal u jintbagħat lill-Parlament u lill-Kunsill sabiex jippromwovi t-trasparenza u jiżgura li l-pakkett baġitarju għas-sostenn tal-politika settorjali tas-sajd tabilħaqq jintuża għal dak l-iskop..

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.12.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Véronique De Keyser, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Catherine Grèze, Eva Joly, Filip Kaczmarek, Miguel Angel Martínez Martínez, Norbert Neuser, Maurice Ponga, Michèle Striffler, Alf Svensson, Anna Záborská, Iva Zanicchi, Gabriele Zimmer
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Fiona Hall, Eduard Kukan, Krzysztof Lisek, Linda McAvan, Judith Sargentini
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Vittorio Prodi